# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 527/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Pierre Micallef Grimaud)**

**vs**

**Marco Bonnici**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2020.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Marco Bonnici, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 336385M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Nhar is-7 ta' Marzu, 2007, xi ħin wara l-5:30 ta' filgħaxija, ġewwa l-Belt Valletta, bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' offiża gravi fuq il-persuna, wera' dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt billi saq u/jew ippermetta li tiġi misjuqa vettura li kienet fil-kustodja tiegħu fuq membri tal-Korp tal-

Pulizija u nies oħra, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u ndipendenti mill-volonta' tiegħu;

Talli fl-istess lok, data ħin u ċirkostanzi, attakka jew għamel rezistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti.

Talli fl-istess lok, data ħin u ċirkostanzi, ha parti f'gemgħa ta' għaxra minn nies jew aktar, miġburin bil-ħsieb li jagħmlu reat, għalkemm dik il-gemgħa ta' nies ma tkun ġiet imxewxa minn ħadd in partikolari;

Talli fl-istess lok, data ħin u ċirkostanzi, inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuni inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkunu qed jagħmlu jew minħabba li jkunu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżża jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

Talli fl-istess data, f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' tagħrif falz billi waħħal sett ta' pjanċi tar-reġistrazzjoni foloz fuq vettura tal-marka Nissan Vanette bin-numru oriġinali JAH 259;

Talli fl-istess data, f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Ġzejjer, għamel falsifikazzjoni jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat billi waħħal in-numru tar-reġistrazzjoni li jappartjeni vettura oħra tal-għamla Nissan Vanetta bin-numru oriġinal JAH 259;

Talli fl-istess data, f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Ġzejjer, saq vettura ta' l-għamla Nissan Vanette (bin-numru tar-reġistrazzjoni oriġinali JAH 259), b'numru tar-reġistrazzjoni falz, meta din ma kienitx reġistrata mal-Kummissarju tal-Pulizija jew Awtorita' Dwar it-Transport Pubbliku, u b'hekk ma kienitx koperta b'liċenzja jew polza ta' l-assikurazzjoni għar-riskji ta' terzi persuni;

U aktar talli nhar is-7 ta' Marzu 2007, xi ħin wara l-5:30 ta' filgħaxija, ġewwa l-Belt Valletta, bħala l-persuna nkarigata mill-vettura Nissan Vanette bin-numru tar-reġistrazzjoni oriġinal JAH 259, ħalla l-imsemmija vettura waħidha bla ma ha prekawzjoni xierqa biex ma tiġix imċaqalqa sakemm dam nieqes jew ħalla l-imsemmija vettura wieqfa fi triq jew li tkun immaniggata b'mod li tkun ta' xkiel bla bżonn jew ta' xi inkonvenjent għall-pubbliku;

Talli fl-istess lok, data ħin u ċirkostanzi saq l-istess vettura b'manjiera traskurata, b'manjiera perikoluża u b'manjiera bla kont;

Talli fl-istess lok, data ħin u ċirkostanzi daħal il-Belt Valletta msemmija bil-vettura l-għamla Nissan Vanette (bin-numru ta' reġistrazzjoni oriġinali JAH 259), mingħajr ma kienet liċenzjata għal dik il-lokalita';

Talli fl-istess lok, data ħin u ċirkostanzi saq vettura (bin-numru tar-reġistrazzjoni oriġinali JAH 259) kontra s-sinjal tat-traffiku indikat f'dik il-lokalita';

Talli fl-istess lok, data ħin u ċirkostanzi b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodici, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Il-Qorti kienet mitluba li minbarra li tagħti l-piena stabbilita' tordna li l-imsemmi persuna jkun skwalifikat milli jieħu jew li jkollu ebda liċenzja tas-sewqan għal perjodu li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tad-9 ta' Novembru, 2016 li biha:

1. sabet lill-imputat ħati li kiser l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 limitatament in kwantu saq vettura mingħajr liċenzja u talli kiser ir-regolamenti 61 u 68 tal-Avviż Legali 128 tal-1994 maħruġ taħt il-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. ma sabitux ħati tar-rimanenti reati kontemplati fl-Artikoli imsemmija fin-nota tar-rinviju għall-Ġudizzju tal-Avukat Generali tat-12 ta' Novembru 2007, u illiberatu minnhom;

3. ikkundannat lill-imputat għal ħlas ta' multa ta' tlett elef Euro (€3,000.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsa u tmenin Euro (€85.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mit-2 ta' Diċembru 2016, b'dan li jekk l-ħati jonqos li jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata ta' ġurnata ħabs għal kull ħamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

4. Il-Qorti inoltre ordnat li l-imputat ikun skwalifikat milli jkollu jew li jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tnax (12)-il xahar mil-lum kif ukoll:

5. Ordnat wkoll il-konfiska tal-vann in kwistjoni favur il-Gvern ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fil-15 ta' Novembru, 2016, li qed ikun hawn riprodott hekk: "Ghaldaqstant, l-esponenti appellant, filwaqt li jgib dan kollu aktar il-fuq espost u sottomess ghal attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, ghal dawn ir-ragunijiet jitlobha contrario imperio tvarja u tbiddel s-sentenza tad-9 ta' Novembru, 2016 u dan billi filwaqt li tikkonferma l-parti tas-sentenza fejn l-Onorabbli Qorti ma sabitx lill-imputat ħati fuq rimanenti reati fl-Artikoli msemmija, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata kwantu sabet lil esponenti ħati tal-ksur tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll tal-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 limitament in kwantu l-esponenti saq vettura mingħajr liċenzja kif ukoll talli kiser ir-Regolamenti 61 u 68 tal-Avviż Legali 128 tal-1994 maħruġ taħt il-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u filwaqt li tilqa' l-aggravji tal-esponenti, tilliberaħ minn kull akkuża kif dedotta u dan taħt dawk id-direttivi li jidhrila xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi".

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkonsidrat:

1. Illi b'mod preliminari, din il-Qorti hasset il-htiega li tirriproduci t-talba fir-rikors tal-appell peress illi hemm akkluza fiha talba ghar-revoka tas-sentenza appellata *contrario imperio*. Sentenza ta' Qorti **qatt** ma tista' tkun revokata *contrario imperio*

izda **biss** b'sentenza ohra ta' Qorti ta' grad oghla li f'dan il-kaz hija din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali skond is-Sub-Titolu III tat-Titolu II, Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Kriminali. Tajjeb li jkunu senjalati b'mod partikolari l-artikolu 417 u 419 (1) fejn dan tal-ahhar jghid fi kliem semplici x'ghandu jkun fih ir-rikors tal-appell u b'mod partikolari ghat-talba is-subinciz (c) irid li jkun fih "*it-talba ghat-tahsir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri*". Ghalhekk kwalunkwe varjazzjoni ta' dawn il-kliem jew innovvazzjoni gratuita' ghal din il-forma hija indeziderata jekk mhux ukoll perikolanti ghall-prosegwiment ta' appell u huwa rakkommandabbli li wiehed izomm dejjem fil-konfini ta' dawn ir-rekwiziti;

2. Ventilat dan, il-fatti brevement rakkontanti f'din il-kawza huma li lura fis-sena 2007 kien sehh marc ta' protesta gewwa l-Belt Valletta organizzata mill-Federazzjoni Kaccaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) fis-7 ta' Marzu. F'hin minnhom tfacca vann f'bieb il-Belt imzejjen u b'xi nies fuqu meta l-permess kien jiprojbixxi d-dhul ta' vetturi u dan il-van kien allegatament misjuq mill-imputat. Is-sewwieq kien ordnat jieqaf mill-Pulizija izda ghall-ewwel ma obdiex u wara li kien infurmat li kien ser ikun arrestat nizel mill-vann u abbandunah izda grupp ta' nies bdew jimbuttawh ghal fuq il-Pulizija li kienu ser jispiccaw mal-art u taht dan il-vann;

3. L-ewwel Qorti ma sabitx htija fil-maggor parti tar-reati imputati lill-appellant, fosthom l-attentat ta' offizi gravi, uzu ta' marki ta' registrazzjoni foloz u ohrajn, izda sabet htija ghal dak li jirrigwarda sewqan ta' dan il-vann minghajr ma kien licenzjat biex jintuza fit-triq, minghajr allura polza ta' assikurazzjoni u l-abbandun tal-vettura;

4. Fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant iressaq l-argument illi mkien mill-procedura ma jirriżulta li kien qed isuq il-vann tal-marka Nissan Vanette JAH 259 jew li dan kien jappartjeni lilu. Jghid illi ebda uffiċjal tal-Pulizija ma ddikjara li ra lill-appellant isuq dan il-vann ħlief li ntqal li mument qasir kien jinsab ma' ġenb il-vann. Lanqas ma jirrżulta li l-appellant beda jimbotta l-vann għal fuq il-membri tal-korp. L-appellant qal hu stess li l-vann imsemmi kien skrappjah fit-30 ta' Novembru, 2006 u li sempliċement għaliex individwu jwarrab minn fejn vettura ma jammontax għal xi ksur ta' xi dispożizzjoni tal-Liġi għaliex la jeżisti l-actus reus u lanqas il-mens rea. Isegwi li l-appellant kellu jkun liberat minn kull akkuża [*recte*: imputazzjoni];

5. Ft-tieni gravam, l-appellant jghid li ma nġiebux provi li kien responsabbli għatll-abbandun tal-vettura f'nofs ta' triq biex tintuża bħala minaċċja kontra l-Pulizija. L-uniċi persuni li kienu ddikjarati li kellhom dan l-iskop kien parti fi grupp ta' nies u isimhom qatt ma kien magħruf. Ma nġiebet ebda prova li l-appellant ipprova jieħu sehem f'xi vendikazzjoni. Isegwi li l-appellant kellu jkun liberat;

6. Iz-zewg aggravji jistghu jkunu meqjusa bhala gravam wiehed dwar l-apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti. Din il-Qorti ppronunzjat ruħha kemm-il darba dwar dan il-punt u dejjem rriteniet li *qua* Qorti ta' Appell, ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati jekk din setgħet tasal għall-konklużjoni tagħha legalment u raġjonevolment;

7.Illi minn qari akkurat tas-sentenza jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati lliberat lill-appellant mill-maġġoranza tal-

imputazzjonijiet dedotti kontrih (a, b. ċ,d,e,h, u j) izda sabitu ħati:

*'li kiser l-Artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 limitatament in kwantu saq vettura mingħajr liċenzja u talli kiser ir-regolamenti 61 u 68 tal-Avviż Legali 128 tal-1994 maħruġ taħt il-Kapitolu 65 ta' Malta.'*

8. L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzzjoni bis-segwenti ragunament: *'Għalhekk la darba l-imputat kien akkużat li saq vettura mingħajr polza ta' assigurazzjoni* [recte: licenzja tal-vettura] *kien jinkombi lilu li jressaq provi biex jipprova li fil-fatt dak il-vann kien kopert b'ċertifikat tal-assigurazzjoni kif jesiġi l-artikolu 3 tal-Kap 104. L-imptutat din il-prova m'għamilhiex.'*

A fol 10 u 11 tas-sentenza dwar l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 il-Qorti qalet hekk: *'Ma nġabet ebda prova li l-imputat m'għandux liċenzja tas-sewqan u għalhekk din il-parti ta' dan l-artikolu ma kenitx ippruvata. Pero' ġie ippruvat li l-vann kien skrappjat u konsegwentement ma kellux liċenzja. Għalhekk din il-parti tal-artikolu 15(1)(a) ġiet ippruvata sal-grad rikjest mil-liġi.'*

*9.* A fol.12 il-Qorti qalet hekk dwar il-ksur tar-regolament 61 u 68 tal-Avviż Legali 128/1994 ,maħruġ taħt il-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta (L.S.65.11): *'Dwar ir-Regolament 61...la darba ġie ppruvat li l-vann in kwistjoni kien skrappjat, m'hemmx dubju li ma kellux liċenzja biex jidħol il-Belt. Għalhekk din l-imputazzjoni ġiet ippruvata.*

*Dwar ir-regolament 68....Mill-fatti suespost ma hemmx dubju li meta l-imputat abbanduna l-vann f'bieb il-Belt, huwa kiser dan ir-regolament , u għalhekk din l-imputazzjoni ġiet ukoll ippruvata.*

10. Il-prosekuzzjoni ssostni li kien hemm diversi xhieda li raw lill-appellant isuq dan il-vann. L-Assistent Kummissarju Alfred Abela qal li f'daqqa waħda bdew deħlin il-vetturi minn City Gate. Huwa ppruva jżommhom . Quddiem kien hemm l-imputat (illum l-appellant) b'vann aħdar kollu kuluri u FKNK miktuba u beda jgħidlu biex jieqaf. Għall-ewwel ma riedx jieqaf, imbagħad widdbu li kien ser jarrestah, u f'daqqa waħda qabad u niżel mill-vann u telaq 'l hemm u ħalla l-vann f'nofs it-triq. Wara ftit grupp ta' nies qabdu l-vann minn wara u imbuttawh għal fuq il-pulizija. Fil-kontro-eżami kkonferma li l-appellant kien fuq l-isteering izda mbagħad niżel minn ġol-vettura u ħallieha fin-nofs u wara ma rahx aktar. L-appellant kien ħalla l-karozza fil-bidu ftit 'l hemm mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali meta minn taht il-pont ta' City Gate ma jistax jidħol traffiku u kien daħlu aktar 'il ġewwa;

11. L-ex-spettur Pierre Micallef Grimaud qal li f'daqqa waħda tfaċċa saqaf ta' vann bin-nies jaqbżu fuq u huma kienu sorpriżi kif dan daħal għaliex lill-President tal-Federazzjoni huma kienu qalulu li ma setgħux jidħlu vetturi. Il-Pulizija waqfuh u bdew isabbtu fuq il-vann u jgħidulhom biex jgħaddu. Wara diversi struzzjonijiet li taw lid-dimostranti il-vann waqaf hemmhekk u l-appellant (li x-xhud qal li kien qed jagħrfu preżenti fl-awla) niżel minn ġo fih. It-tabelli tat-traffiku jindikaw li ma tistax tidħol f'dik iz-zona.Għalhekk is-sewwieq kien qabeż in-No Entry sign. Skoprew li l-vann kien skrappjat;

12. PC Lawrence Persiano ukoll gharaf lill-imputat bhala x-xufier u l-Assistent Kummissarju tah ordni biex jieqaf. Imbagħad kienu ser jerġgħu isuqu u qallu jekk issuq narrestak. Pero' l-imputat niżel mill-vann u imbagħad mar wara. L-ispettur Anthony Portelli xehed li mix-chassis number saru jafu li l-vann kien skrappjat fit-30 ta' Novembru 2006 (ara wkoll ix-

xhieda ta' Christopher Darmanin, rappreżentant tad-Direttorat tal-Liċenzji u Testijiet tal-vetturi a fol.49) u li l-vann kien jgħajjat lil Marco Bonnici. L-aħħar parti tan-numru tal-vann ma kienx jikkorispondi man-numru skrappjat;

13. L-appellant xehed li hu kien niżel bil-vann tiegħu Nissan Vanette u pparkja l-Furjana. Quddiem kien hemm vann miżbugħ camouflage u kien tela' fit-trakk iżda l-pulizija qalulu biex jinżel u hu niżel. Fil-kontro-eżami huwa qal li kien hemm post fuq quddiem fil-gabina u tela' fih u qagħad in-naħa tax-xufier. Huwa qal li ma kellux l-isteering f'idejh. Il-vann kien fil-mina ta' Putirjal. Huwa kellu vann bħal dak tal-protesta u li kien skrappjah u kien bieghu ghall-Lm50. In kontro-eżami kkonferma li hu l-persuna li tidher fir-ritratt esebit li allura kien fuq l-isteering tal-vettura izda baqa' jinsisti ma kienx saq il-vann;

14. Mill-provi jirriżulta li tal-anqas tliet persuni raw lill-appellant isuq il-vann u dan juri li s-sottomissjoni maħgmula fl-ewwel aggravju m'għandhiex bażi meta wieħed jaqra l-proċess akkuratament. Barra dan mix-xhieda tas-sur Lino Farrugia jirriżulta li d-dimostranti kienu qalulhom li ma setgħux jidħlu l-Belt fil-vetturi. Inoltre, l-Qorti ma ssibx verosimili l-verżjoni tal-appellant li ta x'wieħed jifhem li hu kien ipprakja barra l-Belt u imbagħad mexa u f'xi ħin tela' fit-truck u sab ruhu fis-seat tax-xufier. L-ewwel Qorti qalet hekk in rigward: *'Fix-xhieda tiegħu l-imputat nnega li hu saq il-vann, għalkemm kien fis-sid tax-xufier.... Il-Qorti hija tal-opinjoni li x-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni hija aktar kredibbli, u l-imputat – għall-aqnas għal xi ħin – kien qed isuq il-vann sakemm wasal ħdejn Bieb il-Belt fejn waqqfuh il-Pulizija, u wara li waqqfuh, obda l-ordinijiet tal-Pulizija u waqaf isuq, pero' niżel minn fuqu u abbandunah.'*

*(Fol.7 tas-sentenza paragrafu 2).* U a fol 8, fit-tieni paragrafu: '*Ix-xhieda tal-imputat li ma kienx jaf li l-vann kien tiegħu mhix waħda kredibbli.'*

15. L-ewwel Qorti , wara li qieset il-provi migjuba quddiemha kienet konvinta li l-appellant għal xi ħin saq il-vann. Din il-Qorti ma tistax temmen li l-appellant ma kienx jaf li l-vann kien tiegħu meta dan kien skrappjah tliet xhur u sitt ijiem qabel biss u meta sab ruħu propju fil-post tax-xufier, post li żgur kien okkupah ħafna drabi qabel u ghalhekk ma hemm xejn x'jiddimostra li l-ewwel Qorti ma setghetx tasal ghal konkluzzjoni li wasslet ghaliha. L-ewwel aggravju ghalhekk qed ikun michud;

16. Kwantu t-tieni aggravju, ssir referenza għal dak li jidisponi r-regolament 68 tal-Ligi Sussidjarja 65.11. Dan ir-regolament imkien ma jitlob xi intenzjoni speċjali sabiex 'il-vettura tintuża bħala minaċċja biex taggredixxi lill-membri tal-Pulizija.' Huwa biżżejjed li persuna tħalli 'l-vettura wieqfa fi triq jew li tkun immaniġġata b'mod li tkun ta' xkiel bla bżonn jew ta' xi inkonvenjent għall-pubbliku.' Għal din ir-raġuni u għal dawk miġjuba dwar l-ewwel aggravju, il-Qorti qed tiċħad it-tieni aggravju;

17. Għal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud u s-sentenza appellata qed tkun konfermata fl-intier taghha b'dan illi t-termini mposti mill-ewwel Qorti jibdew jiddekorru mill-lum u ghall-ahjar intendiment, is-sospensjoni tal-licenzja tibda tiddekorri minn nofs il-lejl tal-lum u l-ewwel pagament ta' €85 irid jithallas sa ghada 31 ta' Jannar, 2020.